**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

**MAGISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***
***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Rikors numru: 12/2012 CFF**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Trevor Micallef)**
**vs**
**Omar Elaref Arab**

**Illum il-Hamis 16 ta' Frar, 2017**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Omar Elaref Arab ta' 19-il sena, iben Dia Eddine u Simone nee' Palmier, imwieled 28 ta' Dicembru, 1991, Tripoli, Libya residenti Juno Flats, Fl 10, Triq Juno, Pembroke, detentur tal-karta ta' l-identita' 198494M

Billi akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer fis-7 t'April, 2009 ghal habta tad-disgha u hamsa ta' filghaxija (9:05 p.m.) fi Triq Luigi Apap, San Giljan u/jew fil-vicinanzi, minghajr il-hsieb li joqtol jew iqieghed fil-periklu car, ikkaguna ferita ta' natura gravi fil-gisem ta' John Caruana.

Akkuzat aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku b'ghajjat u glied.

Il-Qorti hija gentilment mitluba, li minbarra li tinfliggi l-piena stabbilita mill-Ligi, jekk jidhrilha xieraq, tipprovdi ghas-sigurta' ta' john Caruana jew sabiex tinzamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli ghar-reat, torbot lil hati b'obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta' flus li tigi ffissata mill-Qorti.

Rat li l-Ufficjal Prosekutur qara u kkonferma bil-gurament l-akkuzi fil-konfront ta' l-imputat fis-seduta datata 16 ta' Frar, 2017.

Rat l-atti tal-kawza u d-dokumenti ezebiti u cioe', estratt mill-att tac-certifikat tat-twelid ta' l-imputat, il-fedina penali aggornata ta' l-imputat, current incident report, certifikat mediku rilaxxjat lil John Caruana datat 7 t'April, 2009, certifikat mediku rilaxxjat lil John Caruana datat 7 t'April, 2009, certifikat mediku rilaxxjat lil John Cauana datat 8 t'April, 2009, stima minghand dentist, stqarrija rilaxxjata mill-imputat.

Wara li sar l-ezami ta' l-imputat ai termini ta' l-artikoli 390(1) u 392 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-imputat wiegeb li huwa hati ghall-akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat ghall-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu kif registrata fis-seduta tal-lum quddiem din il-Qorti kif preseduta.

Il-Qorti wissiet lill-istess imputat b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u tatu zmien xieraq biex jekk irid, seta' jerga' lura minnha u fil-fatt huwa rega' tenna l-istess ammissjoni tieghu.

Il-Qorti, wara li rat l-Artikolu 392A(1)(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fid-dawl ta' l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata ta' l-imputat pprocediet biex tiddeciedi fuq il-mertu tal-kaz u konsegwentement ikkonvertiet f'Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat irregistra ammissjoni ghall-akkuzi kollha kif migjuba kontra tieghu, u ghalhekk fuq tali ammissjoni l-Qorti m'ghandiex triq ohra salv li ssibu hati taghhom.

Illi din il-Qorti qeghda tqis ukoll li l-ammissjoni ta' l-imputat hija wahda bikrija hafna u dan peress li din il-kawza ilha ghaddejja hafna snin u qatt ma sar xejn fiha u qatt ma ngabru provi, tant li kien hemm perjodu ta' zmien li din il-kawza giet differita *sine die.* Ghalhekk il-fatt li l-imputat ammetta ghall-akkuzi kif dedotti kontra tieghu fl-ewwel opportunita' moghti lilu minn din il-Qorti tqis l-ammissjoni tieghu bhala wahda bikrija fl-ewwel opportunita' moghtija lilu.

Il-Qorti qieset ukoll il-fedina penali ta' l-imputat li hija wahda relattivament nadifa salv ghal reat zghir li sehh il-fuq minn ghaxar snin ilu.

**Decide:**

**Il-Qorti wara li rat l-imputazzjonijiet, wara li rat l-Artikoli 216, 338(dd) u 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u wara li rat l-ammissjoni bikrija hafna ta' l-istess imputat u dan fl-ewwel opportunita' moghtija lilu, qeghda ssib lill-imputat hati izda permezz ta' l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, qeghda tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmel l-ebda reat iehor fi zmien tliet (3) snin millum.**

**Il-Qorti qeghda ukoll torbot lill-imputat b'garanzija personali ai termini ta' l-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ghal zmien tnax-il xahar (12) mil-lum taht penali ta' elf ewro (€1,000) milli jkellem jew javvicina lill-John Caruana.**

**Il-Qorti spjegat fi kliem semplici u li jinftiehem il-portata legali ta' din is-sentenza lill-hati.**

**Ai termini ta' l-Artikolu 392A(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li din is-sentenza flimkien ma l-atti tal-proceduri jigu mghoddija lill-Avukat Generali ai termini tal-Ligi.**

**Dr. Caroline Farrugia Frendo LL.D.**
**Magistrat**

**Nadia Ciappara**
**Deputat Registratur**